2 ta' Frar, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Giovanni Camilleri *versus* Maria Stella Pellicano et.

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Mandat — Riapertura tal-Konkors.**

*Hija pratika illi l-patroċinaturi tal-konkorrenti quddiem id-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ ma jitħallsux ta' xogħolhom meta l-konkorrenti minnhom patroċinata ma tiġix eletta għall-konsegwiment tal-legat, apparti xi spejjeż li huma jkunu għamlu.*

*Imma meta dik li ġiet eletta tiddekadi mill-legat u ssir ir-riapertura tal-konkors, dak il-patroċinatur għandu dritt għal xi kumpens minn għand il-patroċinata tiegħu li ġiet eletta fit-tieni konkors, avvolja fl-intervall il-patroċinata tkun irrevokatlu 'l-mandat u qabbdet patroċinatur ieħor.*

*Għax meta ssir ir-riapertura tal-konkors, it-tieni konkors huwa kontinwazzjoni ta' l-ewwel wieħed; u jekk minn banda l-konkorrenti għandha dritt tirrevoka l-mandat lill-patroċinatur tagħha, mill-banda l-oħra mhux ġust li dak il-patroċinatur jibqa' bla ebda ħlas għax-xogħol li huwa għamel fl-ewwel konkors, meta hija ġiet eletta fit-tieni konkors, għalkemm f'dan it-tieni konkors kellha patroċinatur ieħor.*

Il-Qorti — Fuq it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenuti sabiex iħallsu fir-rispettiva kwalità tagħhom is-somma ta' £4. 10. 10, dritt tassat bis-sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ għall-konsegwiment tal-Legat "Mirabelli in Cachia" lid-difensur, li għalih ikkoopera ruħu l-attur li kien minnhom inkarigat fil-patroċinju quddiem id-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija tas-27 ta' Novembru 1948, fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dik ta' l-illeġittimità tal-persuna jew ta' nuqqas ta' inkariku, u ċaħdet it-talba ta' l-attur, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu nofs minn kull parti; wara li kkunsidrat;

Illi fuq il-preskrizzjoni ż-żmien ta' sentejn kien għadu ma għaddiex, għaliex l-attur kien jaf biss bir-revoka ta' l-in-

kariku meta ra r-rikors għar-riapertura tal-konkors;

Illi fuq l-illeġittimità tal-persuna jew nuqqas ta' inkariku, dik hija mingħajr bażi għaliex l-inkariku kien mogħti minn missier il-konvenuta f'isem u fl-interess ta' l-istess konvenuta, u b'dan hija kienet taf u appruvatu, u mbagħad hemm dejjem l-"actio de in rem verso";

Illi fil-meritu rriżulta illi l-attur kien tħallas ta' l-ispejjeż li kien għamel bħala patroċinatur fl-ewwel konkors, u għalhekk "se mai" il-pretensjoni tiegħu għandha tiġi limitata għal parti tad-dritt li jirriferixxi għall-patroċinju;

Illi ġie stabbilit illi l-patroċinaturi f'dawn il-konkorsi ma jitħallsux meta l-konkorrenti ma tiġix eletta, salv għall-ispejjeż li jkunu għamlu; illi l-konvenuta ma kienetx obligata tkompli tinqeda bil-patroċinju ta' l-attur, għax il-mandat huwa revokabili, speċjalment meta l-mandatarju ġie mħallas mill-ispejjeż li jkun għamel u xi drittijiet tiegħu ta' xi atti li ppreżenta; illi għalkemm l-attur jgħid li missier il-konvenuta ppromettu li jħallsu, dan innega dan il-fatt, u din il-versjoni hija iżjed verosimili;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija billi t-talba ta' l-attur tiġi milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi quddiem din il-Qorti ġiet intavolata biss il-kwistjoni tal-meritu, u mhux l-eċċezzjoni preliminari, li għaddew f'ġudikat. Il-kwistjoni kollha bejn il-partijiet hija mpernjata fil-fatt illi la darba huwa użu illi l-patroċinaturi tal-konkorrenti jitħallsu biss, almenu għad-dritt tagħhom, fil-każ illi l-klijenta tagħhom tiġi eletta, u la darba normalment il-konkorrenti jkollha l-istess patroċinatur meta jerġa jinfetaħ il-konkors wara d-dekadenza ta' dik li tkun ġiet eletta, jekk il-konkorrenti jogħġobha tbiddel il-patroċinatur fir-riapertura tal-konkors, l-ewwel wieħed għandux jiġi privat minn kwalunkwe dritt;

Tikkunsidra;

Illi l-perit legali u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti rritenew illi la darba dik il-konkorrenti fl-ewwel konkors ma ġietx eletta, u la darba dak il-patroċinatur ma baqax jippatroċina l-kli-

jenta tiegħu fir-riapertura tal-konkors, allura ma għandu l-ebda dritt. L-appellant issottometta, għall-kuntrarju, li huwa għandu d-drit kollu għaliex it-tieni konkors mhux ħaġa oħra ħlief il-kontinwazzjoni ta' l-ewwel konkors;

Il-pretensjoni ta' l-attur appellant li għandu jieħu d-dritt intier li jkun ġie taxxat fit-tieni sentenza hija inammissibili, għaliex huwa fatt illi l-appellata kellha d-dritt kollu tirrevoka l-mandat u għalhekk ikollha patroċinatur ieħor, li għandu għalhekk jiġi rimunerat. Għalhekk ma jkunx ġust għall-konkorrenti illi għandha tħallas dritt intier taż-żewġ patroċinaturi. Mill-banda l-oħra mhux ġust illi l-ewwel patroċinatur jibqa' mingħajr l-ebda kumpens, għaliex għoġob lill-konkorrenti tirrevokalu l-inkariku fl-intervall; hija kienet padruna tagħmel dan, imma ta' din ir-revoka għandha tbati l-konsegwenzi;

Infatti, għalkemm irriżulta illi wara illi l-eletta fl-ewwel sentenza tiġi dikjarata dekaduta, isiru avviżi ġodda, imma l-elezzjoni ssir biss bejn dawk li kienu ppreżentaw ruħhom fil-konkors oriġinali, għalkemm iridu jagħmlu rikors ġdid. Dan juri illi t-tieni konkors mhux indipendenti mill-ewwel wieħed, imma għandu miegħu konnessjoni ta' kontinwità. Il-konsegwenza hija illi meta l-konkorrenti, bħal dan il-każ, tippreżenta t-talba fir-riapertura ta' dak il-konkors, għaliex dik hija l-vera espressjoni, li dejjem ġiet użata f'każi simili, id-Deputazzjoni neċessarjament teżamina d-drittijiet tal-konkorrenti mhux biss fuq dak li ġiebu in okkażjoni tar-riapertura tal-konkors, imma anki dawk id-dokumenti, anzi prinċipalment dawk id-dokumenti, li ġew prodotti fl-okkażjoni tal-konkors oriġinali. Għalhekk tkun ħaġa estremament inġusta illi dak il-patroċinatur li kien jidher fil-konkors oriġinali, u mbagħad fl-intervall ġie lilu revokat l-inkariku in okkażjoni tar-riapertura tal-konkors, jibqa' mingħajr l-ebda kumpens għalkemm il-klijenta tiegħu ġiet eletta. Veru huwa illi meta huwa kien patroċinatur hija ma kienetx eletta; iżda peress li issa ġiet eletta, u peress illi normalment, la darba huwa kien il-patroċinatur oriġinali, kellu d-dritt li jkun il-patroċinatur fil-riapertura tal-konkors, sakemm ma ġiex pruvat kontra tiegħu jew dolo jew "culpa" fl-esplikazzjoni ta' l-inkariku tiegħu— ħaġa li

teżula f'dan il-każ — huwa għandu dritt għal xi ħlas. Infatti dejjem ġie ritenut minn dawn il-Qrati illi l-mandant għandu d-dritt jirrevoka l-mandat, imma meta jirrevokah fi żmien illi jista' jġib preġudizzju għall-mandatarju, allura għandu jsofri l-konsegwenzi. L-istess jingħad f'każijiet simili;

Tikkunsidra;

Illi d-dritt taxxat huwa ta' £4. 5. 0, u kif jirriżulta mill-inkartament tad-Deputazzjoni, it-tieni patroċinatur għamel 13s. 6d. spejjeż............ jibqa' s-somma ta' £2. 15. 0, u għal-hekk; meħuda konsiderazzjoni ta' kollox, jidher illi lill-appellant imissu s-somma ta' £1. 7. 6. Peress illi rriżulta wkoll illi missier l-appellata kien ta lill-appellant flus għal xi tliet darbiet............, u għalhekk jibqa' l-bilanċ ta' £1. 4. 0;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur fis-sens illi tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £1. 4. 0; l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza..........; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.